MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2009

Appell Kriminali Numru. 375/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Frankie Pace**
***... omissis ...***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Frankie Pace talli (flimkien ma’ persuna ohra) f’dawn il-Gzejjer, fix-xhur ta’ bejn Ottubru 1999 u Frar 2000 u fix-xhur ta’ qabel b’diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi:

(1) ghamlu falsifikazzjoni f’att awtentiku jew pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi foloz, jew helsien falz

minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, nkella illi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe` ghamlu falsifikazzjoni tal-firma ta' Tommi Magrin u ta' persuni ohra fuq cekkijiet tal-Bank of Valletta u aktar talli xjentement ghamlu uzu mill-istess skritturi jew kitba falza;

(2) iffalsifikaw cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra u cioe` cekkijiet tal-Bank of Valletta fuq l-akkont ta' Marketing Services u ta' M. Attard u persuni ohra, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bih hlas jew jiehu kunsinnja tal-oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn Banek jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u aktar talli ghamlu uzu mill-istess karta msemmija;

(3) b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b'ohra sabiex iggieghlu titwemmen ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh ta' Lm 215.46, bi hsara ghal Marketing Services Limited, Bank of Valletta, Daily Needs, Tommi Magrin u persuni ohra;

(4) xjentement laqghu ghandhom jew xtraw affarijiet misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex imexxuhom jew ibieghuhom;

Lil Frankie Pace wahdu talli:

(5) ikkommetta serq ta' cekk book mahrug mill-Bank of Valletta fuq l-akkont ta' Marketing Services Limited u persuni ohra, serq ta' Lm300 f'kontanti ghad-detriment ta' Crafts Creations, kif ukoll serq ta' licenzja tas-sewqan mahruga lil Tommi Magrin u dan ghad-detriment tal-Bank of Valletta, Marketing Services Limited, Tommi Magrin u persuni ohra;

(6) ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku jew pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, nkella illi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe` ghamel falsifikazzjoni tal-licenzja tas-sewqan ta' Tommi Magrin, u ta' persuni ohra u aktar talli xjentement ghamel uzu mill-istess skritturi jew kitba falza;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Dicembru 2008 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni ta' l-imsemmi Frankie Pace, wara li rat l-artikoli 17, 18, 183, 184, 167, 169, 308, 309, 310(1)(b), 334, 267, 284 u 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabitu hati tal-akkuzi kif dedotti u kkundannatu sentejn prigunerija;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Frankie Pace pprezentat fit-18 ta' Dicembru 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn din sabitu hati ta' l-akkuzi dedotti, tvarjaha fejn din ikkundannatu sentejn prigunerija effettivi, u minflok tipprovdi sentenza alternattiva u aktar idonea fic-cirkostanzi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-piena nflitta li jikkonsidra bhala wahda eccessiva u mhux idoneja fic-cirkostanzi.

Din il-Qorti tosserva l-ewwelnett illi dan huwa appell mill-piena wara ammissjoni u fit-termini tal-gurisprudenza

ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabbilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista’ tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta’ appell ma jidhlux f’ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.

Issa, l-appellant jilmenta illi l-ewwel Qorti kienet skorretta meta qalet illi kienet prekluza milli taghti sentenza sospiza ta’ prigunerija (kif suggerit mill-ufficjal tal-*probation* fil-*pre-sentencing report*) ghax l-appellant (allura imputat) kien qieghed jiskonta diversi pieni karcerarji. Huwa jsostni illi qabel Ottubru tas-sena 1999 huwa ma kellu xejn salv kontravvenzjoni u ghalhekk l-ewwel Qorti setghet tikkundannah ghal sentenza ta’ prigunerija sospiza.

L-appellant m’ghandux ragun f’dan l-ewwel ilment tieghu. Is-subartikolu (7) ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi kategorikament li ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 28A **“ma ghandux isir”** fil-kazijiet imsemmijin fl-imsemmi subartikolu (7), fosthom **“(*a*) meta l-ikkundannat ikun digà qieghed jiskonta sentenza ta’ prigunerija”**. Dan ifisser illi jekk meta Qorti tigi biex taghti sentenza, il-hati jkun qieghed f’dak il-mument jiskonta sentenza ta’ prigunerija, dik il-Qorti tkun prekluza milli tissospendi l-bidu fis-sehh ta’ tali sentenza. Ghalhekk, peress illi meta nghatat is-sentenza mill-ewwel Qorti l-appellant kien qieghed jiskonta sentenza ta’ prigunerija, dik il-Qorti ma setghetx tapplika l-artikolu 28A tal-Kap 9. Bl-istess mod, peress illi mill-atti jirrizulta li l-appellant ghadu qieghed jiskonta sentenza ta’ prigunerija, din il-Qorti wkoll hi prekluza milli tapplika l-imsemmi artikolu. B’hekk l-ewwel ilment qieghed jigi michud.

L-appellant imbaghad jghid illi kien hemm cirkostanzi specjali li minhabba fihom kien jimmerita li ma jinghatax sentenza definittiva ta' prigunerija, liema cirkostanzi gew elaborati fil-*pre-sentencing report* ta' l-ufficjal tal-*probation*. Isemmi fosthom sabiex ikun jista' jibda programm kontra l-abbuz mid-droga. Jirreferi ghal dak li qalet l-ufficjal tal-*probation* li huwa kien qieghed jattendi sessjonijiet mal-psikologa Roberta Holland u li kien qieghed jattendi regolarment ghal servizzi ta' *counselling*. Jghid illi dan kollu juri li qieghed jaghmel sforzi sabiex jirriforma ruhu. B'hekk, ghalkemm hu minnu li qieghed jiskonta diversi pieni karcerarji, is-sitwazzjoni tieghu mhijiex irriversibbli. F'dan l-istadju ta' hajtu qieghed isib min jghinu jvinci l-problemi socjali li kellu u ghalhekk huwa l-kaz li jerga' jinghata opportunita` jirreintegra pjenament fis-socjeta`. Barra minn hekk f'dawn il-proceduri seta' jitqies bhala *a first-time offender* stante li l-kaz jirrisali ghas-sena 1999.

Din il-Qorti tapprezza l-isforzi li qieghed jaghmel l-appellant biex jirriforma ruhu waqt li qieghed fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Dan jixhed illi anke f'ambjent karcerarju persuna tista' tfittex u ssib l-ghajnuna li jkollha bzonn. Ghall-problema ta' l-abbuz tad-droga wkoll jista' jinghata l-ghajnuna, b'dan illi jkun jista' jibda programm ta' rijabilitazzjoni f'wahda mill-istituzzjonijiet residenzjali fl-ahhar sentejn tal-perijodu ta' prigunerija li jkun qieghed iservi. Mill-*pre-sentencing report* jidher illi bis-sentenzi ta' prigunerija li jrid iservi, hu mistenni li d-data tal-hrug ikun fl-14 ta' Awissu 2015. Mill-fedina penali aggornata tieghu pero` jirrizulta, almenu *prima facie*, li l-appellant diga` bbenefika minn *conditional discharge* darbtejn, *probation* tliet darbiet u sentenza sospiza ta' prigunerija darbtejn ukoll. Nonostante cio` l-istess fedina penali turi lista interminabbli ta' reati inkluz sensiela twila ta' serqiet apparti ksur tal-ligijiet tad-droga. Jigifieri nonostante diversi opportunitajiet li l-Qrati taghna tawh, huwa baqa' ghaddej bil-hajja refrattarja tieghu. Din il-Qorti u kull Qorti ta' Gustizzja Kriminali ghandha wkoll d-dover li, bil-pieni jew provvedimenti ohra li taghti, tipprotegi lis-socjeta`, u f'certi kazijiet, bhal fil-kaz ta' l-appellant Pace, tali protezzjoni jkollha tigi implimentata billi l-hati jitnehha mic-cirkolazzjoni ghal certu perijodu bit-tama li f'dak il-perijodu

huwa jirriforma ruhu. Jidher li dan qieghed isehh. B’danakollu l-appellant xorta ghad irid jirrispondi ghall-agir kriminali tieghu.

M’hemm l-ebda dubju li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti taqa’ fil-parametri tal-ligi u tista’ anke titqies bhala wahda pjuttost minima. Ghaldaqstant din il-Qorti ma tara l-ebda raguni biex tvarja l-piena nflitta mill-ewwel Qorti u kwindi l-appell ma jimmeritax akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------